MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 176/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Mamo**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Mamo talli bejn il-31 ta’ Dicembru 2010 u t-18 ta’ Jannar 2011 u ghax-xahar ta’ Jannar 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Doreen Mamo u/jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Mamo hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Mamo pprezentat fl-4 ta’ April 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrexxindi l-piena ta’ gimgha detenzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appell jirrigwarda l-piena. Skond l-appellant, meta martu Doreen Mamo, fil-kors ta’ medjazzjoni, intavolat rikors sabiex il-manteniment jizdied minn mitejn euro (€200) ghal erba’ mitt euro (€400), l-avukat li kien jippatrocinah ma pprezentax risposta gha-rikors u lanqas ma deher meta gie appuntat ghas-smiegh, bil-konsegwenza li l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) laqghet it-talba ta’ martu. Gie pprezentat rikors biex it-talba ghaz-zieda tinstema’ mill-gdid izda dak ir-rikors ghadu mhux appuntat. L-appellant jghid li mhuwiex f’pozizzjoni finanzjarja jhallas €400 fil-gimgha kif jidher mid-dokumenti esibiti. Inoltre huwa xorta baqa’ jhallas puntwalment €200 fil-gimgha kif ukoll xi kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar ta’ fejn joqoghdu martu u uliedu. Jekk ikollu jaghmel perijodu ta’ detenzjoni, jghid l-appellant, ix-xoghol tieghu bhala *dealer* tal-karozzi jiehu daqqa sew lura. Di piu` huwa ghandu fedina penali netta.

**6.** Fis-seduta tallum gie kkonfermat mill-*parte civile* li l-ammont dovut ghall-perijodu msemmi fl-imputazzjoni effettivament thallas fil-mori ta’ dan l-appell.

**7.** Issa, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni**

**fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------